# IL-ĠRAJJA TAN-NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL FIL-GŻEJJER MALTIN HEKK KIF IMFISSRA MILL-PAPA FRANĠISKU

**Fl-Udjenza Ġenerali tal-Papa Franġisku li seħħet fis-Sala Pawlu VI fil-Vatikan nhar l-Erbgħa 08/01/2020,** il-Papa ta d-19-il-Katekeżi dwar il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli u fiha silet diversi ħsibijiet dwar il-parti li tirrakkonta dwar kif il-Vanġelu jkompli bil-mixja ħafifa tiegħu mhux biss fuq l-art imma wkoll fuq il-baħar, fuq ġifen li jwassal lil Pawlu priġunier minn Ċesarija lejn Ruma (ara Atti 27:1-28:16), biex isseħħ il-kelma tal-Irxoxt: *"Tkunu xhieda tiegħi [...] sa' truf l-art"* (Atti 1:8), u hekk il-Vanġelu, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, isir universali.

Il-Papa jgħid hekk:
It-tbaħħir sa mill-bidu jħabbat wiċċu ma' kundizzjonijiet xejn favorevoli. ... Il-vjaġġ ikompli u jinqala' riħ hekk qawwi li l-baħrin tilfu l-kontroll u ħallew il-ġifen imur għal riħu. U meta l-mewt dehret fuq l-għatba u kulħadd kien qalbu maqtugħa, Pawlu jaqbeż fin-nofs u jagħmel il-qalb lil sħabu ... Imqar fit-tiġrib, Pawlu ma jieqaf qatt ikun *ħarries tal-ħajja tal-oħrajn u jqawwilhom qalbhom bit-tama*. Hekk Luqa jurina li l-pjan li jmexxi lil Pawlu lejn Ruma mhux biss tal-Appostlu jsalva l-ħajja, imma anki ta' sħabu fil-vjaġġ, u n-nawfraġju, minn sitwazzjoni ta' diżgrazzja, jinbidel f'opportunità providenzjali biex jitħabbar il-Vanġelu.

Wara n-nawfraġju, jaslu fuq il-gżira ta' Malta, li n-nies tagħha jagħtuhom merħba mill-aqwa. Il-Maltin huma twajba, huma ġentili, huma akkoljenti, diġà sa minn dak iż-żmien. Tinżel ix-xita u t-temp hu kiesaħ, u huma jqabbdu ħuġġieġa biex jaraw li n-nawfragi jkollhom xi ftit tas-sħana u tas-serħan. Hawn ukoll Pawlu, dixxiplu veru ta' Kristu, jaqbad jagħmel xi ħaġa biex ikebbes in-nar b'xi zkuk. Tigdmu lifgħa imma ma tiġrilu ebda ħsara: in-nies kienu qed jistennew il-waqt li jaqa' għal mejjet fl-art, imma ma tiġrilu ebda ħsara u saħansitra jibdew jaħsbuh – flok xi qattiel – xi alla. Fir-realtà, dan il-ġid jiġi minn Kristu Rxoxt li jagħtih l-għajnuna, skont il-wegħda li għamel qabel tela' s-sema u li hi għal kull min jemmen: *"Jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt, ma jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu"* (Mk 16:18).

Hekk il-waqfa f'Malta ssir għal Pawlu l-okkażjoni t-tajba biex "ilaħħam" il-kelma li jħabbar u hekk iħaddem ministeru ta' ħniena fil-fejqan tal-morda. U din hija liġi tal-Vanġelu: meta dak li jemmen, jagħmel esperjenza tas-salvazzjoni, ma jżommhiex għalih waħdu, imma jaqsamha mal-oħrajn. ...

***Ejjew nitolbu lill-Mulej jgħinna ngħixu kull prova mweżnin mill-enerġija tal-fidi; u biex inkunu sensibbli għal tant nawfragi tal-istorja li jaslu għajjiena mejta fuq ix-xtut tagħna, biex aħna wkoll nagħrfu nilqgħuhom b'dik l-imħabba ta' aħwa li tiġi mil-laqgħa tagħna ma' Ġesù. Dan hu li jsalvana mill-bruda tal-indifferenza u tan-nuqqas ta' umanità.***



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# SIDTNA MARIJA TA' LOURDES, WENS QAWWI GĦAL MIN HU MARID

Fl-1584, Bernadette Soubirous, daqsxejn ta' tfajla ta' 14-il sena minn raħal ċkejken fi Franza, kellha tagħmel esperjenza mhux tas-soltu.

***Tfajla sempliċi u Sinjura sabiħa jiltaqgħu fi grotta tal-qżieqeż***

Kien il-Ħamis, 11 ta' Frar, 1858, meta Bernadette, li kienet toqgħod mal-familja tagħha f'Lourdes, marret Massabielle, li tinsab max-xmara Gave, sabiex tiġbor il-ħatab għan-nar flimkien ma' ħabiba tagħha u ma' oħtha Toinette. Waqt li bdiet tneħħi l-kalzetti biex tkun tista' taqsam ix-xmara tassew kiesħa, Bernadette semgħet ħoss bħal dak ta' buffura riħ u ħarset 'il fuq lejn il-grotta ta' Massabielle, liema grotta normalment kienet tospita xi qżieqeż. Hija tgħid li kemmxejn 'il fuq, rat mara liebsa l-abjad, b'velu tal-istess lewn, b'faxxa kaħla madwar qaddha u b'warda safra fuq kull sieq. Bernadette raddet is -salib u qalet ir-rużarju mas-Sinjura. Hekk kif intemmet it-talba, is-Sinjura għebet. Meta Bernadette intebħet li hi biss kienet rat lil din is-Sinjura, hija talbet lil oħtha biex ma tgħid xejn imma Toinette, li ma kinitx kapaċi żżomm sigriet, għarrfet lil ommha mill-ewwel b'dak li kien seħħ.

***Gidba jew Verità?***

Louise Soubirous ħasbet li t-tfal kienu qed jigdbu u wara li tathom daqqtejn, wissiet lil Bernadette biex ma terġax tmur lejn il-grotta. Dan ma kellux ikun għax tlett ijiem wara, bil-permess ta' ommha, Bernadette reġgħet marret il-grotta maż-żewġt ibniet l-oħra. Huma bdew jgħidu r-rużarju u bilkemm kienu temmew l-ewwel posta li Bernadette ma ratx lis-Sinjura. Din id-darba, it-tfajla bdiet troxxilha l-ilma mbierek u tgħidilha li jekk kienet ġejja minn Alla, setgħet tibqa', jekk le, kellha titlaq. Iżda iktar ma' Bernadette bdiet titfa' ilma, iktar is-Sinjura bdiet titbissem u tbaxxi rasha. Bernadette kompliet tgħid ir-rużarju u s-Sinjura telqet biss meta dan intemm. Din is-Sinjura, li iktar tard qalet lil Bernadette li kienet l-*Immakulata Kunċizzjoni*, dehritilha b'kollox 18-il darba, 11 minnhom matul ix-xahar ta' Frar.

***Lourdes, il-Madonna u l-grazzja tal-Fejqan***

Ma damx wisq sa' ma bl-ilma tax-nixxiegħa li s-Sinjura għenet lil Bernadette biex issib bdew isiru bosta mirakli ta' fejqan.



Lourdes sar raħal ta' pellegrinaġġi ma jaqtgħu xejn u kulmin imur iżur dan ir-raħal jibqa' mistagħġeb bin-numru kbir ta' morda, f'kull kundizzjoni, li jmorru hemm bit-tama li jaqilgħu l-grazzja tal-fejqan. Anke jekk dan ma jseħħx b'mod evidenti, jibqa' l-fatt li Lourdes ħafna drabi jwettaq lill-marid bil-kuraġġ fil-marda tiegħu u b' konsolazzjoni spiritwali.

***Jum l-Ewwel dehra bħala l-Jum internazzjonali tal-Morda***

Il-Papa qaddis San Ġwanni Pawlu II għażel il-11 ta' Frar, il-ġurnata meta ssir it-tifkira tal-Madonna ta' Lourdes, bħala l-*Jum internazzjonali tal-Morda* u din bdiet tiġi ċċelebrata kull sena sa' mill-1993.

Din is-sena, il-Papa Franġisku indirizza lill-foqra, lill-morda, lill-imwarrbin, lil dawk li huma mtaqqlin u lil min idur bihom permezz ta' messaġġ mibni fuq il-kliem ta' Ġesù: *"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom"* (Mt 11:28). Filwaqt li juri t-triqat misterjużi tal-grazzja lil min hu sempliċi, dan il-kliem jagħmel ħafna kuraġġ lil min hu għajjien. L-Iben ta' Alla wkoll daq it-tbatija bħala bniedem u jaf xi jfisser l-uġigħ, il-qtiegħ il-qalb u d-dwejjaq. F'dawn il-mumenti, Ġesù joffri lil min qed ibati l-ħniena u l-preżenza tiegħu. Il-marid u l-batut m'għandhomx bżonn biss ta' nies li jieħdu ħsiebhom, iżda wkoll ta' min jagħti kashom u jirrispetta d-dinjità tagħhom, anke quddiem sfidi bħall-ewtanasja jew il-mewt assistita. Jaf ma jkunx faċli ddur b'persuna marida għax il-mard jikxef il-karattru kif ukoll tant djgħufijiet tagħna. Diffiċli tibqa' tħobb lill-marid u l-batut meta dan ħlief igerger ma jagħmilx iżda f'mumenti bħal dawn, min jaħdem mal-morda jew idur bihom jibqa' msejjaħ biex jgħin lill-marid iħoss il-preżenza ta' Kristu li jfarraġ u jfejjaq.

Nitolbu lil Marija, taħt it-titlu tal-Madonna ta' Lourdes, għall-morda u għall-imġarrbin sabiex hi tidħol għalihom quddiem il-Missier u taqlagħlhom il-grazzji meħtieġa fir-ruħ u l-ġisem. Nitolbuha ukoll għall-familjari u dawk kollha li jduru bihom biex jagħrfu li fil-preżenza, l-attenzjoni u l-wens li jagħtu huma tassew atti ta' ħniena qawwija u qdusija.

***Marija, saħħa tal-morda, itlob għalina.***



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Frar 2019

Il-Ħadd 2 ta' Frar — **Jum il-Ħajja - Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju**
*Jum ir-Reliġjużi u l-Membri tal-Ħajja Kkonsagrata.*

Il-Ġimgħa 7 ta' Frar — **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

It-Tnejn 10 ta' Frar



**Solennità tan-Nawfraġju f'pajjiżna ta' San Pawl Appostlu**

Obbligu li nqaddsu dan il-jum bil-quddiesa li fil-parroċċa tagħna jkun:
AM - Fis-6:45am;
Fid-9:00am;
PM - Fil-5:30pm.



It-Tlieta 11 ta' Frar — **Jum Dinji tal-Morda**
L-Ewwel Dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes.

It-Tlieta 25 ta' Frar — **Tifkira tal-Beata Sr Adeodata Pisani O.S.B.**

L-Erbgħa 26 ta' Frar — **L-Erbgħa tal-Irmied – *Jibda r-Randan***
Fis-6:30pm - Quddiesa bit-Tqegħid tal-Irmied



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Enrique John Portelli
Neil Fava
Elena Grech

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Francesca Busuttil
Carmen Nadler
Mose Sacco
David Mangion
Ġuża Vella

***Nitolbu għalihom!***

